MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 75/1995/1

**Paul Caruana**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell tal-Kontrollur tad-Dwana minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 2000 li tghid hekk:

"Din hija kawża taħt l-art. 73 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) biex ir-rikorrent jieħu lura karrozza tal-marka *Ford Fiesta* li kienet inqabdet b'nota ta' qbid numru 93/1994.
Ir-rikors igħid illi din in-nota kienet notifikata lir-rikorrent "bl-aktar mod stramb peress illi hu indikat li qed jirċievi *courtesy copy*". Ir-rikorrent qiegħed imexxi b'dawn il-proċeduri għax irċieva kopja tan-nota li kienet mibgħuta lil Francesco Lo Giudice. Wara li saritlu din in-notifika, ir-rikorrent, b'ittra uffiċjali magħmula taħt l-art. 72(2) ta' l-ordinanza, kien għarraf lill-Kontrollur tad-Dwana li kien ser jitlob lura l-karrozza maqbuda.
It-talba tar-rikorrent qiegħda ssir għal dawn ir-raġunijiet: Huwa s-sid ta' *Ford Fiesta* u jaf illi l-pulizija, immexxija mill-Ispettur Antoine Casha, qiegħda tagħmel stħarriġ dwar din il-karrozza. In-nota ta' qbid ma tgħidx liema hija l-karrozza maqbuda għax ma tgħidx x'inhu n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha. Ir-rikorrent kien xtara l-karrozza maqbuda b'mod regolari, u għalhekk ma għandux għalfejn juri titolu ħlief dak li joħroġ mil-*log book* u d-dokumenti l-oħra li normalment ikollu kull ċittadin biex juri li karrozza hi tiegħu.
Ir-rikors igħid ukoll li "qed iqajjem kwestjoni ta' natura kostituzzjonali fil-proċedura kollha kemm hi", għax il-konfiska tal-ħaġa maqbuda, għalkemm ma ssirx fl-interess pubbliku, hija awtomatika jekk ir-rikorrent ma jmexxix bil-proċedura tallum, ukoll jekk ma jkun ħati ta' ebda ksur tal-liġi tad-dwana u wkoll jekk jinħeles mill-akkuża. Għalhekk il-qbid isir bi ksur ta' l-art. 1 ta' l-ewwel protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, magħmula parti mil-liġi tagħna fil-kap. 319 tal-liġijiet. Ma hux leġittimu li tibqa' sejra din il-proċedura li tagħmel obbligu fuq iċ-ċittadin li jitlob dak li hu tiegħu meta kontra tiegħu ma hu provat xejn, u jitlef dak li hu tiegħu wkoll jekk ma hux ħati.
Ir-rikorrent ikompli jgħid li hu xtara *in bona fide*, b'dokumenti li juru provenjenza leġittima u ħlas tad-dazju.
Ir-rikorrent għalhekk talab li l-*Ford Fiesta* maqbuda bin-nota ta' qbid numru 93/94 tingħata lilu għax hija proprjetà tiegħu u għax b'ebda mod ma jidher li hu kellu xi ħsieb li jevadi d-dazju.

Ir-rikorrent qal ukoll illi hemm "preskrizzjoni ta' l-azzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana għall-istess dazju". B'sentenza *in parte* mogħtija fit-8 ta' Mejju 1998[1], iżda, il-qorti qalet li l-preskrizzjoni ma tolqotx il-meritu tal-każ tallum.

Għat-talba u s-sottomissjonijiet magħmula fir-rikors li huma relevanti għall-meritu tallum, l-intimat wieġeb hekk:

1. Ma kien hemm xejn ħażin fin-notifika tan-nota ta' qbid lir-rikorrent: in-nota kienet notifikata lir-rikorrent għax hu kellu l-pussess materjali tal-vettura maqbuda, li hu jgħid li xtara mingħand Francesco Lo Giudice; kienet notifikata wkoll lil Lo Giudice għax kien dan li daħħal il-karrozza f'Malta.
2. Fin-nota ta' qbid ma kienx muri n-numru tal-vettura għax, għalkemm din kellha n-numru O-6893, dan x'aktarx li kien falz, u l-vettura kellha n-numru ta' reġistrazzjoni barrani AG-290965. B'dankollu, ma hemm xejn ħażin fin-nota.
3. Il-konfiska li taħseb għaliha l-liġi tad-dwana ma tikser ebda dritt fundamentali tar-rikorrent, għax il-proċedura li trid il-liġi taqa' taħt waħda mil-limitazzjonijiet li l-kap. 319 jagħmel u jħalli li jsiru għall-art. 1 ta' l-ewwel protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea. Barra minn hekk, kull liġi doganali taħseb għal konfiska bħal dik, li, sakemm ma ssirx prova kontrarja li l-oneru tagħha jaqa' fuq min jallega kontra, titqies li tkun saret fl-interess pubbliku, u partikolarment għall-ħarsien ta' l-ordni pubbliku u r-rażna tar-reati kriminali.
4. Fuq il-vettura konfiskata kien hemm dazju sostanzjali li ma tħallasx, bi ksur tal-kap. 37 tal-liġijiet; barra minn hekk, dwar dik il-vettura kien hemm rapport li nsterqet mill-Birgu f'Settembru ta' l-1992. Ir-rikorrent *ex admissis* kien jaf b'dan il-fatt, u bil-konsegwenzi kollha li jġib miegħu.

Il-fatti ta' dan il-każ ġraw hekk: Francesco Lo Giudice kien daħħal f'Malta karrozza tal-marka *Ford Fiesta* bin-numru ta' reġistrazzjoni taljan AG-290965. Lo Giudice kien irrapporta li din il-karrozza kienet insterqitlu meta kienet hawn Malta f'Settembru ta' l-1992.

Kien hemm karrozza oħra, ukoll tal-marka *Ford Fiesta* ta' kulur blu, li kienet fuq isem Joseph Camilleri għal

---

[1] *Foll.* 30 *et seqq.*

*International Trading Company*. Din kellha n-numru E 057 DRS li wara sar O-6893. Lil din il-karrozza kienet saritilha ħafna ħsara għax kienet ħabtet f'Mejju ta' l-1993. Is-soċjetà assikuratriċi kienet ħallset il-valur tagħha lil sidha u xtratha mingħandu. Wara, bigħitha lil Charles Attard, *surveyor* magħha, u dan bigħha lir-rikorrent.

L-intimat qed igħid illi l-karrozza maqbuda hija dik li nsterqet lil Lo Giudice, mhux dik li xtara r-rikorrent. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk il-karrozza maqbuda hijiex dik ta' Lo Giudice, għalkemm bil-pjanċi tal-karrozza li kienet ħabtet u nbiegħet minn Charles Attard lir-rikorrent — u f'dan il-każ il-qbid ikun sar sew, għax fuq dik il-karrozza ma tħallasx dazju — jew hijiex tassew il-karrozza li r-rikorrent xtara mingħand Attard u, għalhekk, kienet leġittimament f'idejn ir-rikorrent.

Xehed l-Ispettur Antoine Casha u qal li, meta hu ra l-karrozza li kienet f'idejn ir-rikorrent qabel ma nqabdet mill-intimat, seta' jara li numru tax-*chassis* kien mibrux, iżda l-Pulizija xorta sabet mod biex tara li n-numru qabel ma kien imbagħbas kien VS6 VXX WPFV B18148[2]. Dan in-numru ma jidhirx li hu l-istess bħal dak li kellha l-karrozza li r-rikorrent kien xtara mingħand Charles Attard: in-numru ta' dik il-karrozza kien WS6 VXX WPFVJB18148[3].

Jidher ukoll, iżda, li l-karrozza li nqabdet minn idejn ir-rikorrent ma kinitx dik li nsterqet lil Lo Giudice. Il-karrozza ta' Lo Giudice kellha l-i*steering wheel* fuq ix-xellug waqt li fil-karozza maqbuda kien fuq il-lemin[4].

In-nota ta' qbid, għalhekk, ma nħarġitx dwar il-karrozza li fil-fatt kienet f'idejn ir-rikorrent, u l-karrozza ma tistax tibqa' maqbuda bis-saħħa ta' dik in-nota.

Dan ma jfissirx li l-karrozza kienet leġittimament f'idejn ir-rikorrent: il-fatt li kellha x-*chassis number* imbagħbas u li ma kienx jaqbel man-numru ta' reġistrazzjoni jitfa' dell fuq il-leġittimità tal-provenjenza, u din is-sentenza b'ebda mod ma għandha titqies li tagħti xi ċertifikat nadif lir-rikorrent dwar il-karrozza maqbuda.

Ladarba lir-rikorrent sejjer jingħata rimedju bis-saħħa tal-liġi ordinarja, ma hux meħtieġ li l-qorti tistħarreġ ukoll dwar

2 Ara x-xiehda ta' l-Ispettur Antoine Casha fis-seduta tat-8 t'April 1999 *fol.* 48.
3 Ara x-xiehda ta' John Formosa fis-seduta tal-21 ta' Marzu 1996, *fol.* 20.
4 Ara dok. PhZ1, *fol.* 238.

il-kwistjoni tad-dritt imħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mir-rikors billi tgħid illi l-karrozza li nqabdet mingħand ir-rikorrent ma għandhiex tibqa' miżmuma bis-saħħa tan-nota ta' qbid 93/1994, u tordna li tingħata lura lir-rikorrent.
L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, ħlief dawk li dwarhom ġà hemm deċiżjoni fis-sentenza *in parte* tat-8 ta' Mejju 1998, għandu jħallashom l-intimat."

Din il-Qorti rriproduciet is-sentenza appellata fl-intier taghha ghax minnha johrog car x'inhi l-kwistjoni u l-vertenza kollha f'din il-kawza. Biex wiehed jirrikapitola fil-qosor, fil-kors ta' investigazzjonijiet immexxija mill-Pulizija giet elevata minghand ir-rikorrent appellat (Caruana) vettura tal-marka *Ford Fiesta* bin-numru ta' registrazzjoni 0-6893. Din kellha x-*chassis number*, li jidher li kien gie b'xi mod imbaghbas, VS6 VXX WPFV B18148. Skond ir-rikorrent appellat huwa kien xtara din il-vettura minghand Charles Attard li, *a sua volta*, kien xtraha minghand certu Joseph Camilleri (li f'ismu kienet registrata, a nom ta' *International Trading Company*, <u>l-ewwel darba</u> l-vettura bin-numru 0-6893). Skond ir-*records* tad-Dipartiment tal-Licenzji, ix-*chassis number* tal-vettura 0-6893 suppost li kien **W**S6 VXX WPFV **J**B18148[5]. Il-Pulizija, fuq senjalazzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, kienet qed tissuspetta li din il-vettura kienet fil-fatt vettura li kienet insterqet fil-21 ta' Settembru, 1992 minn St. Angelo Complex minghand certu Francesco Lo Giudice (ara l-okkorrenza ezibita minn P.C. Alfred Gauci fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2000), u peress li din il-vettura ta' Lo Giudice kienet iddahlet "duty free" u ghalhekk ma setghetx tghaddi f'idejn haddiehor minghajr ma qabel jithallas id-dazju, billi allegatament kienet hekk ghaddiet u spiccat f'idejn Caruana, il-Kontrollur tad-Dwana hareg in-Nota ta' Qbid nru. 94/1994. Jigi precisat li din in-nota tindika, fil-parti fejn hemm "Taghrif dwar il-Persuna Koncernata" lil "Lo Giudice Francesco c/o m.v. Renaissance, Vittoriosa". Hu evidenti ghalhekk li, ghalkemm l-istess nota ghandha miktub *in calce* "c.c. Paul Caruana, Lalor House, E.B. Vella Street,

[5] Ara aktar 'l quddiem dwar il-kwistjoni tax-*chassis number*.

B'Kara BKR 12" (bhala l-persuna li minghandha giet effettivament elevata l-vettura), il-Kontrollur kien qed jaqbad il-vettura minhabba li kien qed jikkontendi li din kienet l-istess vettura li kienet insterqet minghand Lo Giudice. In segwitu, infatti, Caruana gie akkuzat in konnessjoni ma' din il-vettura, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, talli instab li kellu fil-pussess tieghu din il-vettura meta d-dazju fuqha ma kienx gie imhallas jew ikkawtelat (ara s-sentenza ezibita a fol. 42). Huwa kien gie liberat minn din l-akkuza.

Issa, irrizulta abbundantement car mill-provi migjuba quddiem il-Prim Awla – dan qalitu l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – li, apparti konsiderazzjonijiet ohra dwar tbaghbis li seta kien hemm max-*chassis number* u dwar min seta kien responsabbli ghal tali tbaghbis, il-vettura elevata minghand l-appellat Caruana ma kienitx dik li insterqet minghand Lo Giudice. L-ewwel Qorti, a propositu qalet hekk:

**"Jidher ukoll, izda, li l-karrozza li inqabdet minn idejn ir-rikorrent [Caruana] ma kienitx dik li nsterqet lil Lo Giudice. Il-karrozza ta' Lo Giudice kellha l-i*steering wheel* fuq ix-xellug waqt li fuq il-karrozza maqbuda kien fuq il-lemin.**
**"In-nota ta' qbid, ghalhekk, ma nhargitx dwar il-karrozza li fil-fatt kienet f'idejn ir-rikorrent, u l-karrozza ma tistax tibqa' maqbuda bis-sahha ta' dik in-nota."**

Kienet ghal din ir-raguni biss li l-ewwel Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent appellat u ordnat ir-rilaxx tal-vettura, in kwantu din il-vettura kienet ***"…mizmuma bis-sahha tan-nota ta' qbid 93/1994…"***.

L-appellant Kontrollur tad-Dwana jikkontendi, bazikament, li anke jekk wiehed kellu jikkoncedi li l-vettura li giet elevata minghand Caruana ma kienitx dik misruqa minghand Lo Giudice, xorta jibqa' l-fatt "…li jezistu diskrepanzi fundamentali bejn il-vettura Ford Fiesta 0-6893 mixtrija mill-appellat minghand Charles Attard…u illi

r-rikorrent sostna li hija fil-fatt il-vettura maqbuda minn ghandu…u l-vettura l-ohra Ford Fiesta maqbuda mill-garaxx tal-appellat permezz tan-nota ta' qbid in kwistjoni…". L-appellant isemmi dawn id-diskrepanzi – il-kulur originali tal-vettura, il-fatt li ma kienx jidher li kellha tiswijiet kompatibbli ma' dawk li kienu saru fil-vettura li kien xtara minghand Attard, u d-diskrepanza fix-*chassis number*. L-appellant jikkontendi li kien jinkombi fuq ir-rikorrent appellat, a bazi tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, li jipprova li l-vettura li kienet giet elevata minn ghandu kienet giet importata regolarment u kien thallas regolarment id-dazju fuqha. L-appellant Kontrollur tad-Dwana jkompli hekk:

**"Hija proprju ghal din ir-raguni bazilari li l-esponent qieghed umilment jappella mid-decizjoni ghar-rilaxx ta' din il-vettura bajda. Dan ghaliex filwaqt li l-appellat gab prova tal-provenjenza tal-Ford Fiesta blu 0-6893, huwa ma gab EBDA prova ta' provenjenza fir-rigward tal-Ford Fiesta bajda misjuba ghandu bic-chassis number imbaghbas u li hija dik effettivament maqbuda bin-Nota ta' Qbid in kwistjoni. Illi allura l-appellant qatt ma pprova li l-Fiesta maqbuda dahlet Malta b'mod legittimu u li thallas id-dazju dovut fuqha. Illi ghaldaqstant in-Nota ta' Qbid numru 93/1994 inharget fuq din il-Ford Fiesta bajda korrettement u b'mod oggettivament legali u dik in-nota ma tistax tigi impunjata ghar-raguni biss li hemm dubbji dwar jekk il-vettura maqbuda hijiex fil-fatt il-vettura importata f'Malta mit-Taljan Lo Giudice bhal ma kkonkludiet is-sentenza appellata. Din il-konkluzjoni hija wkoll fil-fehma ta' l-esponent erroneja peress illi taqleb l-oneru tal-prova tal-provenjenza tal-oggett maqbud fuq l-intimat mentri fi proceduri bhal dawn huwa r-rikorrent li jrid igib din il-prova."**

Din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' dana l-appell, u dan ghal raguni wahda u semplici. <u>Il-bazi kollha tal-qbid tal-vettura *de quo*</u> kienet l-allegazzjoni li din il-vettura kienet insterqet minghand Francesco Lo Giudice li kien dahhalha Malta fuq ismu *duty free*. Mill-provi, izda, irrizulta li l-

vettura maqbuda ma setghetx kienet il-vettura li nsterqet minghand Lo Giudice. L-appellant Kontrollur tad-Dwana agixxa (kif kien dmiru li jaghmel) proprju biex jassigura l-hlas tat-taxxa fuq vettura ta’ Lo Giudice li kienet iddahlet *duty free*. Galadarba rrizulta li l-vettura maqbuda ma setghetx kienet dik il-vettura li nsterqet lil Lo Giudice, l-appellant ma jistax jippretendi li jibqa’ jzomm il-vettura sakemm l-appellat jippruva hu li d-dazju kien thallas fuqha. Fir-rigward tal-vettura li effettivament giet maqbuda qatt ma kien hemm xi allegazzjoni jew indikazzjoni li din kienet tinsab Malta in vjolazzjoni ta’ xi disposizzjoni tal-ligi tad-Dwana. Huwa veru li skond id-deposizzjoni ta’ l-Ispettur Antoine Casha (fol. 45 *et seq.*) il-vettura li effettivament inqabdet minghand l-appellat kienet ta’ kulur originali abjad u mhux blu, kif suppost kienet il-vettura bin-numru 0-6893; u filwaqt li l-vettura bin-numru 0-6893 suppost li kellha x-*chassis number* WS6 VXX WPFV JB18148[6], dak li nstab fuq il-vettura li kellu l-appellat kien VS6 VXX WPFV B18148. Apparti minn hekk, dejjem skond ix-xhud Casha, il-vettura li giet elevata minghand l-appellat ma kellhiex dawk it-tiswijiet kompatibbli mal-hsarat li allegatament kienet garrbet meta kienet ghadha ghand Camilleri u kienet involuta f’incident serju tant li kienet “beyond economical repair”[7]. Dan kollu, pero`, ma jimportax necessarjament xi vjolazzjoni tal-ligi tad-Dwana, ghalkemm jista’ jimporta vjolazzjoni ta’ ligijiet ohra. Huwa biss meta jigi allegat xi ksur tal-ligi tad-Dwana li l-appellant jista’ jaqbad oggetti in virtu` tal-Kap. 37. F’dan il-kaz l-allegazzjoni li kien hemm meta l-vettura inqabdet kienet li din kienet tinsab Malta illegalment ghax kienet il-vettura ta’ Lo Giudice li, sakemm kienet ghand l-istess Lo Giudice, kienet tinsab Malta *duty free*. Issa li rrizulta li l-vettura ma kientx il-vettura ta’ Lo Giudice, il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax konvenjentement ibiddel il-bazi kollha tal-qbid u jippretendi li l-appellat jipprova hu li d-dazju fuq il-vettura li effettivament inqabdet kienet thallset anke meta rrizulta li l-vettura ma kienitx dik ta’ Lo Giudice li fir-

[6] Skond ix-xhud John Formosa – fol. 20 – l-ewwel tlett figuri huma “WS6”, mentri skond ix-xhud Brian Farrugia – li xehed fl-1 ta’ Gunju, 1999 – dawn huma “VS6”.
[7] Ara d-deposizzjoni ta’ Charles Attard moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-6 ta’ Gunju, 2000.

rigward taghha huwa (il-Kontrollur) kien agixxa fl-ewwel lok.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------